MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 4/2004

**Rita Nehls**

**vs**

**Sterling Travel and Tourism Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' April, 2004, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal Industrijali qieghed jittratta dan il-kaz fid-dawl ta' Punt Preliminari fil-kaz bejn Rita Nehls aktar 'il quddiem tissejjah l-appellanti u Sterling Travel and Tourism Limited aktar 'il quddiem tissejjah is-socjeta` dwar jekk l-appellanti ghandhiex dritt li tressaq il-kaz quddiem it-Tribunal peress li l-impjieg taghha hu definit.

Provi

Illi l-appellanti tghid li tkecciet mill-impjieg taghha meta kienet ghadha fiz-zmien tal-kuntratt definit.

Illi s-socjeta` tghid li l-appellanti tkecciet waqt li kienet taht kuntratt ghal zmien definit u ghalhekk dan il-kaz ma jaqax fil-kompetenza tat-Tribunal.

Illi Artikolu 75 (1) ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jghid hekk: Minkejja kull ma jinsab f' kull ligi ohra t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi (a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta u (b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha ta' Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahta.

Decizjoni

Illi wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istqarrija tal-kaz tal-partijiet, sema' u kkunsidra t-trattazzjoni verbali fuq dan il-punt isib illi l-appellanti tkecciet waqt li kienet ghadha fiz-zmien tal-kuntratt definit. It-Tribunal iddecieda li t-tkeccija ta' l-appellanti mill-impjieg mas-socjeta` saret qabel ma ghalaq iz-zmien tal-kuntratt definit u ghalhekk ghandha dritt skond Artikolu 75 (1) (a) u (b) ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li tkompli bil-kaz taghha."

Fit-termini tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili s-socjeta` Sterling Travel and Tourism Limited talbet u ottjeniet il-permess tat-Tribunal Industrijali biex tappella lil din il-Qorti. Il-lanjanza li dwarha qed tistieden lil Qorti tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal tikkonsisti fil-pretensjoni illi dak it-Tribunal ma messux warrab l-eccezzjoni preliminari taghha. Hi tikkontendi li, trattandosi ta' impjieg ghal zmien definit, l-ezami dwar it-tkeccija ta' l-appellata mill-impjieg taghha minn mal-kumpanija kien jesorbita mill-isfera tal-kompetenza tat-Tribunal;

Forsi ma jkunx ghal kollox inopportun jekk ghall-ahjar deliberazzjoni tal-punt ta’ dritt hawn involut, tigi nkwadrata l-kompetenza storika tat-Tribunal Industrijali kif kienet tvigi taht l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 266);

Skond l-Artikolu 28 ta’ dak l-Att kien preskritt illi “minkejja kull ma jinsab f’ kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkonsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta’ haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b’ mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort’ ohra”;

Fis-sunt inciziv li ser isegwi mehud mill-kawza fl-ismijiet “**Joseph Sammut -vs- Francis Vassallo *nomine***”, 19 ta’ Mejju 2000, il-Qorti ta' l-Appell toffri din l-ispjegazzjoni ghall-precitat artikolu:-

“Qari akkurat ta’ dan l-artikolu bilfors iwassal ghall-konkluzjoni illi t-Tribunal Industrijali kellu gurisdizzjoni eskluziva li jiehu konjizzjoni tal-kazijiet kollha fejn gie allegat li saret tkeccija ngusta, hlief fejn si tratta ta’ proceduri kriminali u dan b’ mod illi l-Qrati ordinarji huma ezawtoriti milli jiehdu konjizzjoni ta’ kazijiet ta’ din ix-xorta. Indubbjament allura l-Qrati ordinarji ma kellhom ebda dritt li jikkonsidraw u jiddeciedu meritu dwar jekk tkeccija ta’ impjegat kienetx jew le ingusta. Inoltre l-istess disposizzjoni tipprovdi wkoll illi haddiem li jkun gie pruvat illi gie mkecci ngustament, kellu biss ir-rimedju li l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort’ ohra. Din il-Qorti pero` tifhem b’ dan l-artikolu illi r-rimedju ta’ haddiem li jkun imkecci ingustament, li kien biss li jirrikorri quddiem it-Tribunal Industrijali u mhux quddiem it-Tribunali ordinarji, fl-ewwel lok ghad-determinazzjoni jekk it-tkeccija tieghu kienetx jew le ingusta. Jekk jinstab li kienet ingusta, it-Tribunal Industrijali kellu wkoll jipprovdi r-rimedju adegwat kontra tali agir biex l-ingustizzja tigi rettifikata.”

F’ sentenza sussegwenti ghal din issokta jigi precizat illi t-terminu “ghal kull ghan” kien fit-test ingliz tradott bil-kliem “*for all purposes*”. “Termini dawn li huma inkluzivi u jestendu ghal kull xorta ta' tkeccija ingusta tkun xi tkun ir-raguni, kemm jekk hi tkeccija ritenuta ngusta minhabba l-mod procedurali kif ittiehdet u giet ezegwita minn min ihaddem, kemm jekk il-kontestazzjoni dwarha kienet fuq il-mertu tac-cirkostanzi li, skond min ihaddem, kienu jiggustifikaw it-tkeccija. Kull xorta ta' azzjoni dwar tkeccija ngusta allura, kollox inkluz u xejn eskluz, kienet taqa' taht il-kompetenza eskluziva tat-Tribunal Industrijali sakemm ikun jaqa' fid-definizzjoni ta' "tkeccija ngusta" kif definita fis-subinciz 2 tal-Kap. 266.” - “**Avukat Dottor Carmel Chircop -vs- Awtorita` Marittima ta’ Malta**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 2001;

Fiz-zmien ta’ dawn id-decizjonijiet kien jikkoezisti ma’ l-att imsemmi (Kapitolu 266), l-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta’ l-Impjieg (Kapitolu 135). Dawn iz-zewg Atti gew konsolidati bl-Att XXII ta’ l-2000 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452), liema Att jiccirkoskrivi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali ghal dak li jinghad fl-Artikolu 75 (1) tieghu. Huwa proprju dan id-dispost li dwaru jirrivolvi l-punt tal-ligi li jrid jigi deciz f’ dan l-appell. Jinhass xieraq ghalhekk jekk dan jigi riportat mill-gdid ghaliex hu proprju dan li jehtieg jigi mill-Qorti nterpretat:-

“**75.** (1) Minkejja kull ma jinsab f’kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi:-

(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u

(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta’ dan l-Att jew ta’ regolamenti preskritti tahtu,

ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra;"

Hu bil-bosta evidenti mill-ewwel daqqa ta' ghajn illi ghalkemm sostanzjalment intuzat l-istess dicitura ta' dak li kien l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 266, fl-istat attwali l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali twessghat konsiderevolment. Dan issa ghandu l-kompetenza eskluziva wkoll li jitratta u jiddeciedi talbiet rigwardanti kondizzjonijiet ta' impjieg, protezzjoni tal-paga, protezzjoni kontra diskriminazzjoni relatata ma' l-impjieg, temm ta' kuntratti ta' servizzi, infurzar u ksur rigward impjiegi, fost materji ohra, ilkoll trattati taht Titolu I ta' l-Att;

Manifestament ukoll it-tifsira ta' "tkeccija ngusta" giet amplifikata minn kif kienet taht il-Kapitolu 266;

Premess dan kollu, l-assunt li fuqu s-socjeta` appellanti tirpoza l-aggravju taghha hu dak li gjaladarba f' dan il-kaz t-tkeccija mill-impjieg ta' l-appellata sar fil-kors tal-kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit, *ergo*, it-Tribunal Industrijali ma kellux kompetenza li jiehu konjizzjoni tat-terminazzjoni ta' impjieg bhal dan. Huwa jikkampa l-argoment kollu tieghu fuq il-bazi tad-definizzjoni kontenuta fl-Artikolu 2 tal-kliem "tkeccija ngusta", in kwantu din hi relatata mat-temm ta' mpjieg "ghal zmien mhux stabbilit", u ghalhekk mhux idoneu ghall-kaz ta' l-appellata;

Logikament ir-rizoluzzjoni tal-punt ta' ligi sottomess ma jiddependix biss mill-interpretazzjoni ta' "tkeccija ngusta" ghal liema jirreferi s-subinciz (a) ta' l-Artikolu 75 (1) izda jokkorri jigi ndagat fil-parametri ta' dak precizat fis-subinciz (b) tieghu, u aktar u aktar fl-isfond tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz kif sottomess mill-appellata lit-Tribunal Industrijali. Fih insibu illi l-appellata adit lit-Tribunal Industrijali fuq il-bazi tal-konsiderazzjoni illi "t-

tkeccija tas-Sinjura Rita Nehls mill-impjieg taghha hi nulla u bla effett, u dan ghaliex it-terminazzjoni ta' l-impjieg saret minghajr raguni gusta u sufficcjenti skond il-ligi u bi ksur tad-disposizzjonijiet rilevanti fl-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg";

Jidher manifestament minn din id-dikjarazzjoni illi l-appellata kienet qed tinvoka d-dispost ta' l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452 raffigurat taht Taqsima V - Temm ta' Kuntratti ta' Servizz, hekk formanti parti minn Titolu I ta' l-Att li ghalih jirreferi s-subinciz (b) ta' l-Artikolu 75;

Markatament, l-Artikolu 36 jitratta kemm minn temm ta' kuntratti ta' servizz ghal zmien bla limitu kif ukoll minn dawk ghal zmien definit. Jipprovdi wkoll ghalhekk ghal kaz fejn principal jibghat il-barra (fit-test Ingliz "*dismisses*") lill-impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat. Qabel l-introduzzjoni ta' l-Att in diskussjoni materja bhal din kienet taqa' fl-isfera ta' gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji. Fl-istat attwali tal-ligi din il-gurisdizzjoni giet *expressis* konferita lit-Tribunal Industrijali u ghalhekk esorbitat ruhha mill-isfera ta' kompetenza tal-qrati biex ghaddiet lit-tribunal specjali;

Fiz-zmien meta l-materja kienet tattira l-attenzjoni tal-qrati ordinarji kien gie deciz illi "ghandu jkun car li l-interpretazzjoni gusta ta' din il-frazi ("jibghat il-barra") tithalla f' idejn il-gudikant li ghandu jasal ghal tifsira oggettiva u ragonevoli ta' dak li wiehed jistenna li l-bniedem komuni jifhem b' dan it-terminu. Interpretazzjoni din li certament ma ghandhiex tithalla f' idejn l-arbitriju jew il-kapricci tal-principal jew l-impjegat imma li ghandha - fejn ma hemmx qbil - tigi gudizzjarjament determinata" ("**William Saliba -vs- Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino *nomine***", Appell, 9 ta' Mejju 1997). Tali determinazzjoni gudizzjarja tal-kwestjoni issa ghaddiet *ope legis* f' idejn it-Tribunal Industrijali. Hu proprju dan it-tribunal li issa jrid jiddetermina jekk it-tkeccija kienetx jew le bla ebda raguni gustifikativa ossija minghajr "raguni tajba u bizzejjed" li jsemmi s-subinciz (14) ta' l-Artikolu 36,

hekk, del resto, parafrazat bi kliem proprji fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz ta' l-appellata quddiem it-Tribunal;

Fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal kien ghalhekk ghal kollox korrett meta arroga ghalih id-dritt li jkompli jitratta l-kaz quddiemu u jiddefinieh. L-aggravju allura ma jistax jigi akkolt u qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq esposti din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fuq il-kwestjoni tal-gurisdizzjoni tieghu biex jitratta u jiddeciedi l-kaz ta' l-appellata. L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------